**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (19)



Id-Dgħajsa tal-Midalji tal-Birgu 'Paċenzja' rebbieħa tal-palju fl-1929

Il-Ġimgħa l-oħra slitna siltiet minn żewġ intervisti li għamilt lil żewġ bennejja tad-dgħajjes, illum nibda din il-kitba b'siltiet mill-intervista li għamilt lil Toni Ellul (il-Koj) , li kif jaf kulħadd huwa isem leġġendarju marbut ma' dawn it-tiġrijiet, u li fiż-żminijiet differenti qadef f'isem ir-Raħal Ġdid, il-Marsa, il-Kalkara, Bormla u l-Birgu. Toni beda l-intervista tiegħu hekk:

"Fl-1952 jien krejt dgħajsa tax-xogħol mingħand Toni l-Kejli minn Marsamxett u ħadt sehem biha fil-korsa ta' bi Tnejn f'isem ir-Raħal Ġdid. Meta qorbot il-Vitorja bdejt ninżel fil-għaxijiet u nitħarreġ fil-viċinanza ta' Paola Hill. Wara xi sentejn, sid din id-dgħajsa biegħha lil xi dilettant u għalhekk wara t-tiġrija tal-1954 bdejt naħseb biex insib dgħajsa oħra biex inġerri biha.

"Xi ħbieb ħajruni nagħmlu għabra fost id-dilettanti tar-Raħal Ġdid, u meta ngabret is-somma meħtieġa biex issir dgħajsa tax-xogħol, mort għand l-imgħallem Ċensu Pule u ftehmna. Meta tlestiet tajniha l-isem ta' 'Lady of Lourdes' .

"Fis-snin ħamsin jien irreġistrajt id-dgħajsa fuq ir-Raħal Ġdid, u pparteċipajt fit-Tiġrija tal-Vitorja fil-korsa ta' bi tnejn ma' Joe Batler u tliet darbiet ma' missieri li kellu 55 sena.

"Għalija kienu snin sbieħ u ta' suċċess... kien żmien meta l-Isla kellhom qaddiefa tajbin ħafna, b'xi wħud minnhom kienu qadfu wkoll qabel il-gwerra.

"Forsi l-akbar avversarju li kelli f'dik l-epoka kien Toni Farrugia (ż-Żbiba) ... nista' ngħid li kull darba li rbaħt dan il-palju f'isem Raħal il-Ġdid (b'sitt darbiet f'seba' snin) fraħt ħafna ... iżda meta tliftu, ma ngħidx li ma ddispjaċinix, iżda meta kont naf li tliftu kontra ż-Żbiba - wieħed mill-aqwa qaddiefa li kellu d-distrett tal-Isla kont raġel biżżejjed li mmur nifraħlu ... fuq kollox ir-rivalitá tagħna kienet biss fil-kanal - dawk il-ftit minuti li kienet tieħu t-tiġrija ta' bi Tnejn... emminni meta ngħidlek, li waqt il-korsa lanqas konna nħarsu lejn xulxin, u t-tnejn konna nagħmlu ħilitna biex ngħaddu lil xulxin kemm nistgħu ... iżda mill-bqija, jien u Toni konna żewġt iħbieb u bqajna dejjem nirrispettaw lil xulxin ..."

*Ikun korrett jekk ngħid li fis-snin sittin ma bqajtx iġġerri f'isem ir-Raħal il-Ġdid u mort ma' distretti oħra?*

"... iva, fil-fatt fil-bidu tas-snin sittin qdift mal-Kalkara u ġerrejt f'ta' Bi Tnejn ma' Lorry Busuttil (l-Bomber) u f'ta' bl-Erbgħa. Fis-snin ta' wara qdift kemm mal-Marsa kif ukoll ma' Bormla. Ma' dawn id-distretti ksibt diversi suċċessi .... kelli x-xorti naqdef ma' wħud mill-aqwa qaddiefa ta' kull distrett, u nista' ngħid, li kien hemm tiġrijiet li baqgħu stampati fil-memorja tiegħi ... Sintendi, diżappunti kelli wkoll ... mhux meta tlift il-palju ... meta tlift mhux dejjem kien tort tiegħi ... xi drabi ssib, li l-avversarji tiegħek jkunu armati aħjar minnek ... iżda l-akbar dispjaċir ta' ħajti kien fl-1971 meta jien u ibni Freddie tlifna l-palju ta' bi Tnejn fl-aħħar ftit metri mid-dħul minħabba bugħawwiġ kbir li tani u żammni... dak in-nhar ħassejt qalbi trid tinqassam! ... lejlet it-tiġrija Freddie (it-tifel tiegħi) beda jilmenta mid-dgħajsa, u tlabna lill-kumitat ta' Bormla biex inbiddluha ... f'nhar il-Vitorja fil-għodu kmieni armajna dgħajsa oħra u ħadna t-triq ... konna kuntenti biha, u dak in-nhar ġibna ħin tajjeb ħafna! Peress li jien dejjem qdift fil-għaxija, il-qadfa ta' fil-għodu kienet żejda, iżda peress li biddilna d-dgħajsa riedna nippruvawha u naraw li kienet armata tajjeb... niftakar li dak in-nhar ħassejtni xi ftit għajjien, mort id-dar u strieħajt għal xi sagħtejn ..."

*Dik it-tiġrija niftakarha tajjeb ... int kont fuq quddiem u f'daqqa waħda waqaft u waqajt fid-dgħajsa ... iżda x'kien ġralek jew x'ġara eżatt?*

"wara nofs in-nhar, fil-Kanal ħassejtni tajjeb u jien it-tifel konna kuntenti ħafna bid-dgħajsa ... iżda x'ġara? ... fil-polza tlajna fit-tieni 'Lane' bejn id-dgħajsa ta' Marsamxett (mal-moll) u d-dgħajsa tal-Kalkara (il-Bomber u d-Daqni) sa Bieb ix-Xewka jien kont kważi dgħajsa fuq quddiem, iżda d-dgħajsa tal-Kalkara bdiet tross fuqna ... minħabba hekk jien bdejt nersaq lejn il-moll biex ikolli spazju biżżejjed u komplejt naqdef, b'konsegwenza li ġejt quddiem ta' Marsamxett li kienet waqqħet lura.

"X'ġara? ... ix-xogħol ġie kollu fuqi, u għalhekk meta ppruvajt niddritta d-dgħajsa sforzajt ħafna ... ħassejt weġgħa kbira, iżda jien komplejt naqdef b'kemm kelli saħħa ... naħseb li kelli madwar tliet tulijiet ta' dgħajsa fuq quddiem ... f'daqqa waħda tatni weġgħa oħra kbira, imbagħad oħra u waqajt fid-dgħajsa ... f'dak il-ftit mumenti ta' dieqa kbira nsejt is-suċċessi kollha li ksibt matul il-karriera tiegħi fir-Regatta ... jien ir-Regatta kont inħobbha, u dejjem qdift biex nirbaħ... jien dejjem kont leali lejn id-distrett u bħal sħabi l-oħra dejjem stinkajt biex nirbaħ il-palju u miegħu x-Shield għad-distrett li f'ismu kont inkun qed inġerri ...'

******

Fis-snin 60, 70 u 80, waqt l-aħħar provi fil-kanal wieħed kien josserva ħafna dilettanti bl-*istop watch* f'idejhom jieħdu l-ħin ta' kull opra li tieħu t-triq minn Ras ħanżir sad-Dwana l-Antika. Fost għadd ġmielu ta' dilettanti mill-Isla u Bormla, li ta' kuljum, kienu jkunu l-Gardjola biex jieħdu l-ħin ta' l-aħjar dgħajjes ta' kull distrett, kien ikun hemm il-ħabib tiegħi Oscar Musú, dilettant u ex-membru tal-kumitat tar-Regatta tal-Isla: Jum fost l-oħrajn inzertajt il-Gardjola, ersaqt maġenbu, u staqsejtu jekk il-Gardjola huwiex l-aħjar post biex tieħu dawn il-ħinijiet:

" ... jien hekk naħseb ... hawnhekk aħjar ħafna mill-Ponta għax id-dgħajjes jiġu taħtek, u bejn wieħed u ieħor tkun taf eżatt minfejn qegħdin jitilqu ... "

*Mela mhux dejjem jitilqu mill-istess post?*

" ... le, mhux dejjem jitilqu mill-ħruġ ... ovvjament minn hawn, anke bl-aqwa kannokjali ma tkunx tista' tistabbilixxi eżatt jekk l-opra tkunx telqet mit-tluq proprju jew 'l isfel minnu, u għalhekk trid toqgħod attent għax tista' tiġi mqarraq faċilment..

*Allura jekk il-ħinijiet li qed tieħu m'humiex eżatti, għalfejn qed toħodhom?*

" ... jien ma nieħux il-ħin mit-tluq, iżda nillokalizza żewġ postijiet matul il-kanal, li bejn wieħed u ieħor inkun naf tajjeb kemm tieħu ħin dgħajsa biex tagħmel din id-distanza, u hekk kif d-dgħajsa tasal, ngħidu aħna quddiem it-tabella tal-Ford, nagħfas l-*istop watch* u nara kemm tieħu meta tasal quddiem il-Lanċa tal-Pilot ..."

*Imma kemm tista' tkun eżatt?*

"... ma jkunx hemm aktar minn sekonda differenza mill-ħin li jieħdu sħabna ... ovvjament fit-tiġrija l-ħinijiet ikunu differenti, u jista' jagħti l-każ li l-aħjar dgħajjes li jġibu l-aħjar ħin waqt il-provi lanqas biss jingħabru fit-tiġrija, għax kollox jiddependi fuq il-polza u r-riħ."